MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0110/08/rev.1
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta’ Proċedura
minn Angelika Beer f’isem il-Grupp Verts/ALE, Ana Maria Gomes f’isem il-Grupp PSE, Annemie Neyts-Uyttebroeck u Elizabeth Lynne f’isem il-Grupp ALDE, Ģirts Valdis Kristovskis f’isem il-Grupp UEN, Tobias Pflüger u Gabriele Zimmer f’isem il-Grupp GUE/NGL, Stefano Zappalà f’isem il-Grupp PPE-DE
lill-Kunsill

Suġġett: Il-Konvenzjoni dwar il-Munizzjon ta' tip 'cluster' jeħtieġ li tidħol fis-seħħ qabel tmiem is-sena 2008

F' Dublin, fi tmiem il-laqgħa internazzjonali tal-istati li saret bejn id-19 u t-30 ta' Mejju 2008, 107 stat adottaw il-Konvenzjoni dwar il-Munizjon ta' tip 'cluster' li tipprojbixxi l-użu, il-produzzjoni, it-trasferiment u l-ħażna ta' din it-tip ta' arma. Il-Konvenzjoni hi miftuħa għall-firma fit-3 ta' Diċembru 2008, f'Oslo. Il-Konvenzjoni se tidħol fis-seħħ sitt xhur wara li 30 stat ikunu ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika tagħhom mas-Segretarju Ġenerali tan-NU. L-użu reċenti ta' din it-tip ta' arma waqt il-kriżi tal-Ġeorġja turi għal darb'oħra l-ħtieġa urġenti li titwaqqaf din il-Konvenzjoni.

Liema passi ħa l-Kunsill biex jikkonvinċi lill-Istati kollha - partikolarment dawk li huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea - biex jiffirmaw, jirratifikaw u immedjatament jimplimentaw il-Konvenzjoni dwar il-Munizjon ta' tip 'cluster'?

Imressqa: 15.10.2008
Mibgħuta: 16.10.2008
Skadenza: 06.11.2008